# M I N U T I

## LAQGĦA STRAORDINARJA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## LAQGĦA NUMRU 60

14 ta' Frar 2019

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Floriana, fit-8:30 ta' filgħodu.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |

SKUŻAT :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura M' Lourdes Lautier | Segretarju Eżekuttiv |

MEMBRI TAL-PUBBLIKU 1

**M I N U T I**

Is-Sindku Davina Sammut Hili presediet din il-laqgħa straordinarja.

60.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

60.1.1 Ġiet preżentata ittra ta' apoloġija mill-Kunsillier JAE li ġiet ikkunsidrata mill-membri preżenti.

**60.2 FINANCIAL STATEMENTS 2018**

60.2.1 Is-Sindku DSH fetħet il-materja billi qalet li l-Financial Statements għas-sena 2018 kienu ġew konklużi u li għal din is-sena l-Kunsill rreġistra telf kaġun tal-aġġustamenti li kellhom isiru fuq il-Fixed Assets Register skont Directive 1/2017.
L-Accountant tal-Kunsill irrimarkat li minn din is-sena d-Depreciation qed tinħadem b' metodu differenti (straight line method) li kellha effet drastiku ħafna hekk kif kellhom jiġu rikalkulati l-assi tal-Kunsill waqt li l-grants issa qed jiġu kunsidrati bħala Capital Approach, pero' l-FSI baqa b' saħħtu ie 64%.
Wara mozzjoni proposta mill-Viċi Sindku VB favur l-approvazzjoni tal-Financial Statements għas-sena 2018, u ssekondata mill-Kunsillier AD, ittieħed vot bir-riżultat ikun :

Favur :4 (DSH, VB, AD, AGS)
Kontra : 0
Astensjonijiet : 0

**60.3 IL-PJAN TA' ĦIDMA 2019 – 2021**

60.3.1 Dan ir-rapport ma laħaqx ġie sottomess sal-lum peress li l-Accountant għada qed taħdem fuqu.

**60.4 OFFERTI PUBBLIĊI**

60.4.1 FLC/T/7R/2018 CIVIL WORKS IN KING GEORGE V RECREATIONAL GROUNDS
Il-Bord tal-Aġudikazzjoni ltaqa' u qed jistenna li d-dokumenti mtella minn offerent jiġu *decrypted* mid-Dipartiment tal-Kuntratti.

60.4.2 FLC/T/5/2018 SUPPLY AND INSTALLATION OF PLAYGROUND AND OUTDOOR GYM EQUIPMENT
Il-Bord tal-Aġudikazzjoni rċieva rapport mingħand il-Perit tal-Kunsill dwar l-offerti sottomessi u qed jistenna kjarifikazzjoni mingħand offerent.

**60.5 JUM IL-FLORIANA**

60.5.1 Wara diskussjoni, il-membri preżenti ddeċidew li l-ismijiet għan-nominazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill cioe' fl-14 ta' Marzu 2019.

**60.6 TMIEM TAL-LAQGĦA**

60.6.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9:00 ta' filgħodu u ġiet aġġornata għal-Ħamis, 14 ta' Marzu 2019 fil-5 ta' filgħaxija.

**Konfermati, illum 14 ta' Marzu 2019.**

*Firmati*
Davina Sammut Hili
Sindku

*firmati*
M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv